A.L. 77 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1997 dwar *Swimming Pools*
(Drittijiet għall-Analiżi tal-Ilma)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar *Swimming Pools* (Drittijiet għall-Analiżi tal-Ilma).

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fis-16 ta' Ġunju, 1997.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra–

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"swimming pool" tinkludi kull *swimming pool*, banju idroterapewtiku, spa jew spazju artifiċjali ieħor li jkun jesa' volum ta' ilma kbir biżżejjed li jkun qed jintuża jew ikun maħsub li jintuża għal għanijiet ta' banjar tal-persuna, sew għal għanijiet rekreattivi, mediċi jew xort oħra.

Liċenza għall-użu ta' *swimming pool* fi stabbilimenti pubbliċi.

3. (a) Is-sid ta' stabbiliment pubbliku jew kummerċjali m'għandux iħalli persuni jużaw *swimming pool* li jkun jinsab fl-istabbiliment tiegħu mingħajr ma jkun qabel kiseb liċenza mingħand is-Suprintendent.

(b) (i) Il-liċenza tiġġedded mis-Suprintendent wara li jgħaddu tnax-il xahar mill-ħruġ tagħha.

(ii) Dik il-liċenza għandha tinħareġ jew tiġġedded wara li jsir ħlas ta' dritt ta' Lm50 mal-ħruġ tagħha, u Lm25 għat-tiġdid tagħha, lis-Suprintendent.

(iii) Dak il-liċenza m'għandhiex twaqqaf lil ebda korporazzjoni pubblika jew dipartiment tal-gvern milli jeħtieġu li tinħareġ xi liċenza oħra.

(ċ) Is-Suprintendent jista' jiċħad li joħroġ jew iġedded, jew jista' jirtira, kull liċenza bħal dik meta, fil-fehma tiegħu, l-ilma li jkun hemm fis-*swimming pool* jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa pubblika.

Analiżi biex tiġi stabbilita l-kwalità tal-ilma.

4. (a) Is-sid tal-istabbiliment għandu jħallas kull spiża magħmula mis-Suprintendent biex jagħmel kull analiżi straordinarja li tkun meħtieġa permezz ta' persuna minnu awtorizzata bil-għan li tiġi stabbilita l-kwalità tal-ilma fis-*swimming pool*.

(b) Dawk l-analiżi għandhom isiru f'kull żmien li jenħtieġu mis-Suprintendent.